# IL-FOND TA' KOEŻJONI

Din l-iskeda informattiva tispjega l-Fond ta' Koeżjoni, li twaqqaf fl-1994 u jipprovdi finanzjament għal proġetti marbuta mal-qasam tal-ambjent u tan-networks trans-Ewropej fil-pajjiżi tal-UE li għandhom introjtu nazzjonali gross *per capita* ta' anqas minn 90% tal-medja tal-UE. L-iskeda informattiva tiddeskrivi l-qafas legali għall-Fond ta' Koeżjoni, l-objettivi tal-Fond, il-pajjiżi eliġibbli għall-Fond, u l-baġit u r-regoli finanzjarji. Tiddeskrivi wkoll ir-rwol li għandu l-Parlament Ewropew fir-rigward tal-Fond ta' Koeżjoni.

## IL-BAŻI LEGALI

— It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: l-Artikolu 177 (b'mod partikolari t-tieni paragrafu) jistabbilixxi l-Fond ta' Koeżjoni f'konformità mal-għanijiet tal-UE ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

— Ir-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ir-Regolament (UE) 2021/1058) jistabbilixxi r-regoli speċifiċi li jirregolaw dawn iż-żewġ fondi għall-2021–2027.

## L-OBJETTIVI

Il-Fond ta' Koeżjoni twaqqaf biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE fl-interessi tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli. Fil-perjodu mill-2021 sal-2027, qed jappoġġja:

— l-investiment fl-ambjent, inklużi l-oqsma relatati mal-iżvilupp sostenibbli u l-enerġija li jippreżentaw benefiċċji ambjentali;

— in-networks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport (pereżempju t-TEN-T);

— l-assistenza teknika.

Għal proġetti li jaqdu l-objettivi tal-protezzjoni ambjentali tal-UE, il-Fond ta' Koeżjoni jista' jikkontribwixxi wkoll f'oqsma marbuta mal-iżvilupp sostenibbli, bħalma huma l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u – fis-settur tat-trasport apparti dak tan-networks trans-Ewropej – it-trasport bil-ferrovija, it-trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni, it-trasport bil-baħar, is-sistemi tat-trasport intermodali u l-interoperabbiltà tagħhom, il-ġestjoni tat-traffiku fit-toroq, tat-traffiku marittimu u tat-traffiku tal-ajru, it-trasport urban nadif u t-trasport pubbliku.

Il-Fond ta' Koeżjoni jiffinanzja l-programmi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà kondiviża tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri. Il-pajjiżi tal-UE jagħżlu liema proġetti jiffinanzjaw u jieħdu ħsieb il-ġestjoni ta' kuljum, filwaqt li l-Kummissjoni tgħinhom jiżguraw li l-proġetti jiġu konklużi b'suċċess u tivverifika li l-fondi jintefqu kif suppost. Ir-regoli dwar kif għandhom jintużaw il-fondi huma stabbiliti fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.

## IL-PAJJIŻI ELIĠIBBLI

Il-Fond ta' Koeżjoni huwa riżervat għall-pajjiżi tal-EU li għandhom introjtu nazzjonali gross per capita ta' anqas minn 90% tal-medja tal-UE. Mill-2021 sal-2027, il-Fond ta' Koeżjoni qed jipprovdi appoġġ lil 15-il pajjiż tal-UE: il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja.

## IR-REGOLI BAĠITARJI U FINANZJARJI

Ir-regoli għall-Fond ta' Koeżjoni għall-2021-2027 huma stabbiliti fir-regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni. Il-Fond jappoġġja proġetti taħt l-għan "Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi", prinċipalment għal proġetti ambjentali u ta' infrastruttura tat-trasport, inklużi n-networks trans-Ewropej.

Ir-regolament iżomm il-konċentrazzjoni tematika tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. Il-Fond ta' Koeżjoni jappoġġja żewġ objettivi speċifiċi: ekonomija aktar ekoloġika, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ċirkolari (l-Objettiv ta' Politika (OP2)); u Ewropa aktar konnessa (OP3).

Il-politika ta' koeżjoni tistabbilixxi lista ta' attivitajiet li ma jistgħux jiġu appoġġjati mill-Fond ta' Koeżjoni fl-2021-2027. Din tinkludi d-dekummissjonar jew il-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari, infrastruttura tal-ajruporti (ħlief fir-reġjuni ultraperiferiċi) u xi faċilitajiet ta' ġestjoni tal-iskart (eż. landfill).

Il-baġit tal-UE għall-Fond ta' Koeżjoni għall-2021-2027 huwa stabbilit għal EUR 42.6 biljun (bil-prezzijiet tal-2018, jiġifieri f'termini tal-valur tal-munita fl-2018), inklużi EUR 10 biljun għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li hija programm ta' finanzjament tal-UE li jappoġġja l-iżvilupp tal-infrastruttura trans-Ewropea f'oqsma bħat-trasport, l-enerġija u s-servizzi diġitali. Ir-rata ta' kofinanzjament tista' tilħaq massimu ta' 85% tal-valur tal-proġetti.

37% tal-allokazzjonijiet finanzjarji totali tal-Fond ta' Koeżjoni huma mistennija li jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi tal-UE.

Allokazzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu 2021-2027 għal kull pajjiż tal-UE

| Pajjiż tal-UE | Bagit (f'miljuni ta' EUR) |
|---|---|
| il-Bulgarija | 1,467 |
| iċ-Ċekja | 7,389 |
| l-Estonja | 952 |
| il-Greċja | 3,508 |
| il-Kroazja | 1,372 |
| Ċipru | 207 |
| il-Latvja | 1,204 |
| il-Litwanja | 1,645 |
| l-Ungerija | 3,015 |
| Malta | 192 |
| il-Polonja | 10,750 |
| il-Portugall | 3,946 |
| ir-Rumanija | 4,094 |
| is-Slovenja | 834 |
| is-Slovakkja | 1,868 |
| Total | 42,556* |

** Inkluża l-assistenza teknika (EUR 114-il miljun).*

*Sors: Kummissjoni Ewropea, bil-prezzijiet tal-2018.*

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Ir-regolamenti li jistabbilixxu l-politika ta' koeżjoni l-ġdida għall-2021–2027 kienu soġġetti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li skontha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jadottaw liġijiet b'mod konġunt, fuq bażi ugwali. Dan kien ifisser li l-Parlament kellu d-drittijiet kollha li jipproponi emendi, li ppermettewlu jagħmel ir-regoli proposti aktar flessibbli u aktar adattati għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi tal-UE.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2022 dwar il-bidu tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027, il-Parlament indika l-COVID-19 bħala l-kawża ewlenija tad-dewmien fin-negozjati tal-politika ta' koeżjoni, li wassal għal dewmien sussegwenti fl-adozzjoni tal-qafas leġiżlattiv għall-finanzjament 2021-2027. Il-Parlament ħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq pjan ta' kontinġenza biex tindirizza t-tħassib possibbli dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni minħabba l-fatt li l-programm beda tard, billi beża' li jkun hemm tnaqqis fil-baġit fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Ir-riżoluzzjoni tenfasizza li d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 ixekkel il-kapaċità tal-pajjiż tal-UE li jirrispondu għall-kriżijiet, inkluża l-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

F'Settembru 2025, bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni għall-2021-2027, il-Parlament u l-Kunsill adottaw emendi għar-regolamenti li jirregolaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni. Dawn l-emendi jippermettu lill-pajjiżi tal-UE jidderieġu mill-ġdid il-finanzjament mill-Fond

Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond ta' Koeżjoni lejn il-prijoritajiet strateġiċi l-ġodda tal-UE, li jinkludu l-enerġija, ir-reżiljenza tal-ilma u l-investimenti relatati mal-akkomodazzjoni (inkluż għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli). Għal aktar informazzjoni dettaljata dwar dak li nbidel wara r-rieżami ta' nofs it-terminu, ara l-iskeda informattiva (3.1.1).

Din l-iskeda informattiva hija mħejjija mid-Dipartiment Tematiku tal-Parlament Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-Agrikoltura u s-Sajd. Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, żur is-sit web tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali.

Kelly Schwarz / JOHANNA CHLÖÉ LYOR TIRINELLI
04/2026